# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 27**

**Rikors numru 844/12MH**

**Susanne Sammut f'isimha proprju u ghan-nom ta' binha minuri Sven Sammut**

**v.**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-awtorita` konvenuta mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Ottubru 2019, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata, u tiddeċiedi illi m'għandha l-ebda responsabbilta` għall-mewt ta' Sinclair Sammut; u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, f'każ li l-Qorti tal-Appell jidhrilha

li għandha tinstab responsabbli għal xi sehem tad-danni, tvarja s-sentenza appellata fis-sens li l-ammont dovut jiġi mmodifikat kif spjegat fit-tieni u t-tielet aggravji tagħha. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Susanne Sammut datat 23 ta' Awwissu, 2012** fejn ġie premess illi:

"1. Illi fil-21 ta' Ġunju 2011 waqt illi żewġha Sinclair Sammut, detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0543585 (M), kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Toyota bin-numru tar-Reġistrazzjoni SVN-507 fi Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida, huwa kien involut f'inċident awtomobilistiku fatali (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Sinclair Sammut hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A);

"2. Illi l-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi seħħ minhabba nuqqas ta' manutenzjoni ta' crash barriers u nuqqas ta' sigurta' adegwata fit-triq fuq indikata, u għalhekk hija responsabbli għall-istess inċident l-Awtorita' Intimata;

"3. Illi fil-ġurnata tal-incident l-imsemmi Sinclair Sammut kellu ħamsa u għoxrin sena;

"4. Illi Sinclair Sammut miet ab intestate mingħajr ma kien għamel ebda testament pubbliku jew sigriet (kopja tac-certifikati relattivi annessi u mmarkati bhala Dok B u Dok C), u għalhekk ir-rikorrenti huma flimkien l-uniċi werrieta tiegħu.

"5. Illi r-rikorrenti sofrew danni attwali u kif ukoll danni future lucrum cessans riżultat tal-inċident illi konsegwenza tiegħu tilef ħajtu Sinclair Sammut, kollox kif ser jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

"6. Illi l-Awtorita' intimata ġiet interpellata sabiex tressaq għall-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas tad-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, u dan permezz ta' ittra Ufficjali (Numru 2251/2012) datata s-27 ta' Ġunju 2012 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok D), iżda minkejja dan hija baqgħet inadempjenti;

**"Għaldaqstant,** ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

“1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Awtorita’ Intimata hija responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fil-21 ta’ Ġunju 2011 ġewwa Triq il-Wied ta’ l-Imsida, u li konsegwenza tal-istess inċident tilef ħajtu Sinclair Sammut (I.D. Nru 0543585M);
“2. Tillikwida, occorendo permezz ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mir-rikorrenti bħala eredi tal-imsemmi Sinclair Sammut;
“3. Tikkundanna lill-Awtorita’ Intimata sabiex tħallas is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni, inkluż l-imgħax dovut skond il-liġi, ir-rikorrenti eredi ta’ Sinclair Sammut.

“Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali, inkluż dawk tal-ittra Ufficjali Numru 2251/12 datata s-27 ta’ Ġunju 2012, kontra l-Awtorita’ Intimata illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

“Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita’ għat-Trasport f’Malta datata 8 ta’ Ottubru 2012**[1] fejn ġie eċċepit illi:

*“1. Illi l-Awtorita’ eċċipjenti mhijiex responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża.*
*“2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe danni allegati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ippruvati.*
*“3. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mill-liġi.”*

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

“Rat il-provi tal-partijiet.

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet esebiti mill-partijiet.

“Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

“Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

“**Ikkunsidrat:**

“Fil-każ tal-lum ir-raġel tal-attriċi kien tilef ħajtu traġikament f’inċident stradali f’Ġunju 2011, liema nċident skont l-atturi seħħ kawża ta’ nuqqas ta’ manutenzjoni ta’ *crash barriers* u nuqqas ta’ sigurta’ adegwata fit-triq li għalihom hija responsabbli l-Awtorita’ konvenuta. L-atturi qegħdin għalhekk jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mingħand l-Awtorita’ konvenuta.

“Minn naħa tagħha l-Awtorita’ rrespinġiet tali pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“**PROVI**

[1] Fol 18 et seq

"1. Dwar id-dinamika tal-inċident li fih tilef ħajtu traġikament Sinclair Sammut, **ir-rapport tal-pulizija** li nvestigaw il-każ jgħid hekk[2] -

> *"Today the 21st June 2011 The Div Police were informed that a vehicle had lost control in St Venera Bypass (Mikiel Anton Vassalli Street) and fell into another street just below Box Box Lane of Valley road Msida. As to said information the div. Police called on site and from investigation carried out, it was established that a person namely Sammut Sinclair...who was driving a Red Funcargo Toyota Reg No SVN 507 after leaving the skateboard tunnel, when driving down and coming to the curve of the road just underneath Box Box lane lost control of his vehicle, hit the barrier got over to the side of the road, drove straight ahead on the grass, and fell into a minor road just underneath Box Box Lane, a side street junction in Valley Road that leads to Santa Venera Road. Said vehicle upon falling turned over and driver lost his life as to impact."*

"2. Xehdet **l-attriċi Susanne Sammut**[3] li qalet li kienet miżżewġa lil Sinclair Sammut u għandha tifel minuri bl-isem ta' Sven. Fil-21 ta' Ġunju 2011 filgħaxija kienet qegħda d-dar fejn jgħixu Ħaż-Żebbuġ tistenna lil żewġha jirritorna mix-xogħol. Huwa kien jaħdem part-time il-Kennedy Nova Hotel tas-Sliema. Madwar il-11.30 ta' bil-lejl hija ċemplitlu sabiex tara fi x'ħin kien ser jiġi lura u huwa qalilha li kien għadu kif ser jitlaq mix-xogħol.

"Hija baqgħet tistenna d-dar iżda peress li beda jsir il-ħin u huwa baqa ma wasalx reġgħet ċemplitlu biex tara x'ġara iżda l-mobile tiegħu kien mitfi. Dak il-ħin hija ċemplet il-lukanda fejn kien jaħdem iżda qalulha li kien ilu li telaq.

"Wara li għadda l-ħin hija kienet ċemplet lil ommha u għarrfitha li Sinclair ma kienx wasal lura d-dar. Hija ħasset li ġara xi ħaġa u nkwetat. Għalhekk ommha marret għaliha u ħadet magħha lil binha sabiex ifittxu lil Sinclair. Dak il-ħin huma ħasbu li seta' kellu xi *puncture* u għalhekk qabdu t-triq li kien jieħu s-soltu sabiex jiġi lura d-dar mix-xogħol.

"Meta waslu fi Triq l-Imsida huma raw ħafna karozzi tal-Pulizija fuq in-naħa l-oħra tat-triq u meta waslu ħdejhom waqfu biex jaraw x'ġara. Kienet ħarġet ommha mill-karozza u l-attriċi baqgħet bit-tifel fil-karozza. Minn hemm avviċinawha l-Pulizija u qalu lill-attriċi li żewġha kien involut f'inċident u tilef ħajtu[4].

"Il-karozza li kien qiegħed isuq żewġha u ċioe' Toyota bin-numru SVN-507 kienet inqalbet minn fuq il-*crash barriers* u waqgħet għal fuq it-triq li tinsab aktar 'l isfel. L-attriċi ma rathiex il-karozza għax ma ħallewhiex tersaq lejha partikolarment għax kellha lit-tifel magħha. L-attriċi u ommha ttieħdu d-dar mill-pulizija minħabba x-xokk li kellhom.

---

[2] Fol 28 et seq
[3] Affidavit a fol 25 et seq
[4] Dok A a fol 5

"L-attriċi qalet li l-*crash barriers* li kienu jinsabu f'din it-triq f'dak iż-żmien li fih seħħ l-inċident kienu baxxi ħafna u kienu mgħawġa[5]. Hekk ukoll wara l-*barriers* fejn hemm biċċa art bil-ħaxix u bis-siġar u hemm ħajt tal-ġebel imwaqqa'[6]. Wara dan il-ħajt hemm drop għal isfel u minn hemm niżlet il-karozza ta' Sinclair.

"L-attriċi qalet li taf b'inċidenti oħra li ġraw proprju fuq l-istess sit parti minn Triq l-Imsida. Hija semmiet inċident li kien seħħ xi snin qabel dak ta' żewġha fejn fl-istess post kienet inqalbet karozza oħra u kienet mietet tfajla b'riżultat tal-imsemmi inċident[7].

"Żmien wara l-inċident kienu twaħħlu barriers ġodda f'din it-triq li huma aktar għoljin u aktar sodi. Twaħħlu wkoll sinjali ġodda dwar l-*ispeed limit* u saru wkoll sinjali fl-art[8].

"Hija qalet ukoll li żewġha kien jaħdem full-time bħala *chef* Cafe Cordina ġewwa l-Belt Valletta u kien impjegat ukoll *part-time* mal-kumpanija Treasure Breaks Ltd fejn kien jaħdem ġewwa l-Kennedy Nova Hotel. L-attriċi ma kinitx qed taħdem biex tieħu ħsieb lil binhom minuri.

"Hija spjegat li fiż-żmien li seħħ l-inċident hi u żewġha Sinclair kienu għamlu konvenju fuq appartament ġewwa ż-Żurrieq bl-intenzjoni li jidħlu joqogħdu fih. Pero' meta seħħ l-inċident hija ma xtratx l-appartament imsemmi. Illum il-ġurnata hija tgħix fid-dar t' ommha Ħaż-Żebbuġ u tikkontribwixxi billi tħallas €200 fix-xahar.

"Hija qalet ukoll li żewġha miet mingħajr ma ħalla testment[9].

"L-attriċi esibiet **Prospett tad-Danni** permezz ta' liema tat rendikont tal-*quantum* ta' kumpens pretiż minnha.

"In **kontro-eżami**[10] hija wieġbet li dakinhar tal-inċident hija kienet ċemplet lil żewġha circa fil-11.30pm fejn kien xogħol u dak is-shift kien bdih fil-5.00pm. Huwa kien jaħdem ukoll ma' Cafe' Cordina. It-triq fejn seħħ l-inċident kienu jafu biha u ġieli kienu għaddew minnha.

"3. Xehdet **Mary Ann Buhagiar**[11] li ftakret li fil-21 ta' Ġunju 2011 filgħaxija kienet ċemplitilha bintha l-attriċi u qaltilha li żewġha Sinclair kien għadu ma wasalx lura d-dar mix-xogħol u li kienet qed tinkwieta għalih. Ix-xhud kienet marret tiġborha minn darha sabiex imorru jfittxu lil Sinclair. Dak il-ħin kienet qed taħseb li setgħet inqalgħetlu xi problema bil-karozza jew kellu xi *flat tyre*. Qabel ma telqu mid-dar tal-attriċi kienet

[5] Ritratti a fol 33 et seq
[6] Ritratti a fol 35 et seq
[7] Fol 42
[8] Fol 43 et seq
[9] Fol 6, 7 u 61
[10] Fol 318 et seq
[11] Affidavit a fol 62 et seq

ħalliet nota bil-miktub mal-bieb ta' barra biex jekk Sinclair jilħaq jasal lura d-dar huwa jkun jaf li kienu ħarġu jfittxuh.

"Huma bdew isuqu lejn tas-Sliema u kienu qed iżommu għajnejhom fuq it-triq biex forsi jaraw lil Sinclair wieqaf x'imkien mal-ġenb. Meta waslu Triq l-Imsida bdew jaraw ħafna dwal tal-karozzi tal-pulizija u x'ħin hija ħarġet biex tara x'ġara u kellmet il-pulizija skopriet li raġel li kien qiegħed isuq vettura ħamra kien ħabat u miet u li dan kien Sinclair. Minħabba li kemm hi kif ukoll bintha ħadu xokk qawwi b'din l-aħbar saqhom lura pulizija lejn id-dar.

"Ix-xhud qalet li din it-traġedja mhi ser tinsiha qatt. Qalet li xi żmien qabel l-inċident li wassal għal mewt ta' Sinclair kien ġara nċident ieħor proprju fl-istess post. Minkejja dan, fit-triq twaħħlu *crash barriers* ġodda u sodi biss wara l-inċident meta miet Sinclair. Hija tgħid illi li kieku dan sar qabel, kemm Sinclair u anke t-tifla l-oħra illi mietet fl-istess post kienu jkunu għadhom magħna llum. Minħabba dak li ġara Sven ser jikber mingħajr ma jkun jaf lil missieru u Sue u Sinclair ma jistgħux ikomplu jgħixu ħajjithom flimkien bħala familja.

4. Ġie esibit ukoll il-file mediku ta' Sinclair Sammut a fol 67 et seq.

5. Xehdu wkoll il-**perit Richard Aquilina**[12], **Dr Mario Scerri**[13] u **Mario Buttigieg**[14], ilkoll esperti nkarigati fl-inkjesta maġisterjali li saret rigwardanti l-inċident.

Fir-relazzjoni tiegħu fl-inkjesta maġisterjali l**-perit Richard Aquilina** wasal għas-segwenti konklużjoni wara li għamel il-konstatazzjonijiet tiegħu[15] -

> *"Il-karozza l-ewwel ħakket max-xifer tal-kurduna tat-triq tan-naħa ta' fuq. Wara dan tkaxkret mal-Crash Barrier li laqtet bir-rota u bli Spoiler u f'dak il-ħin tqaċċat in-Number Plate mill-lok u tqaċċtet ukoll l-inforra tal-Mudguard ta' quddiem xellug. Wara dan, il-karozza rikbet fuq il-Crash Barrier u dehret li kienet inqatgħet mill-art u niżlet ftit qabel it-tiċrita ta' ġol ħajt minn fejn għaddiet u waqgħet għal isfel.*
>
> "*Din il-karozza għaddiet proprju minn ġo l-istess tiċrita ta' ġol-ħajt li kienet saret fl-inċident tal-25 ta' Novembru 2007 fejn dakinhar kienet mietet Alexia Maria Baldacchino.*
>
> "*L-esponent jirrileva li dawn iż-żewġ inċidenti ġraw fejn hemm liwja fit-triq li m'għandha l-ebda qlib fit-triq li jgħin il-vetturi milli ma jitkaxkrux il-barra, ċioe' lejn il-ġenb tat-triq.*
>
> "*Jirrileva wkoll li l-Crash Barrier hi biss ħamsin ċentimetru (50cm) għoli 'l fuq mill-kurduna ta' 14cm. Peress li fiż-żewġ inċidenti l-vetturi kienu qabżu din il-Crash Barrier, jeħtieġ li f'dan il-post ikun hemm żewġ Crash Barriers, waħda oħra 'l fuq minn dik ġa eżistenti, bl-irjus tagħha mniżżla 'l isfel."*

[12] Fol 90A et seq
[13] Fol 90L et seq
[14] Fol 90 E et seq
[15] Rapport a fol 91 et seq

"**It-Tabib Mario Scerri** għamel eżami medikolegali fuq il-kadavru ta' Sinclair Sammut nhar it-22 ta' Ġunju 2011 u konstatazzjonijiet forensiċi relevanti u l-konklużjonijiet tiegħu kienu dawn[16] -

> *"1. Illi l-vettura misjuqa min Sinclair Sammut waqgħet mill-istess post illi waqgħet vettura oħra f'inċident simili fit-2008;*
>
> "*2. Illi l-esponent osserva li minn dak iż-żmien iċ-ċint ma ġiex imsewwi;*
>
> "*3. Illi l-vettura waqgħet mill-għoli u spiċċat fuq ir-ras tagħha u Sinclair Sammut tilef ħajtu;*
>
> "*4. Illi l-leżjonijiet fuq il-katavru ta' Sinclair Sammut kienu kompatibbli ma' trawma vjolenti;*
>
> "*5. Illi ma kienx hemm leżjonijiet fuq il-katavru ta' Sammut li dehru estranji għall-inċident jew suspettużi;*
>
> "*6. Illi mill-evidenza ta' rigor mortis li kien preżenti fil-muskoli ż-żgħar tal-wiċċ u fuq dawk tas-swaba' ta' l-idejn u ta' nuqqas ta' hypostasis, l-esponent huwa ta' l-opinjoni li Sammut kien ilu mejjet inqas minn sagħtejn mill-ħin ta' l-eżami medikolegali;*
>
> "*7. Illi l-kawża tal-mewt ta' Sinclair Sammut kienet relatata direttament ma' l-inċident imsemmi."*

"L-espert tekniku **Mario Buttigieg**, li ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex iżomm aċċess fuq il-post u fost affarijiet oħra jistabilixxi l-veloċita' li kienet għaddejja biha l-vettura qabel ma qabżet iċ-ċint[17], xehed li kien hemm sett ta' *crash barriers* fil-post fejn seħħ l-inċident. Huwa qal li waqt li Sinclair Sammut kien għaddej bil-vettura tiegħu ġralu xi ħaġa li huwa ma kienx kompetenti li jgħid, li għafas aktar il-gas. Ix-xhud stabilixxa li l-veloċita' u l-impatt tal-vettura ta' Sinclair kien ta' 146km fis-siegħa, imbagħad qabeż minn fuq il-*crash barriers*. Infatti kien hemm ħsarat minimi fuq l-istess *crash barriers* għax huwa ma daħalx b'impatt għal ġo fihom iżda qabiżhom. Huwa qabiżhom bir-roti stess, laqat it-tarf tal-crash barrier u baqa' ħiereġ għal ġot-triq. Mistoqsi jekk il-*crash barrier* kinitx mgħawġa jew le preċedentement huwa qal li ftit tgħawwiġ kellha pero' jekk hux kawża tal-inċident odjern jew le ma kiex f'pożizzjoni li jgħid.

"Fir-relazzjoni tiegħu[18] huwa għamel diversi konstatazzjonijiet mill-provi riżultanti fosthom li –

> "Fl-inċident *de quo* Sinclair Sammut ġarrab ġrieħi tant gravi illi tilef ħajtu u ġie ċċertifikat mejjet fuq il-post;
>
> "Ġie stabbilit li l-vettura kienet qed tiġi misjuqa mid-direzzjoni ta' Paceville u kienet sejra lejn Santa Venera meta għal xi raġuni seħħ l-inċident. Il-parti minn fejn kien għaddej Sinclair Sammut hi

[16] Fol 98 et seq
[17] Ara relazzjoni a fol 138
[18] Fol 133 et seq

magħrufa bħala Triq Mikiel Anton Vassalli jew Santa Venera By Pass, Santa Venera;

"It-triq hija wiesa' 7.4 metri u għaldaqstant hija triq ta' daqs normali għalkemm jgħaddi volum kbir ta' traffiku minnha;

"Għalkemm din it-triq hija dritta, fejn seħħ l-inċident f'din it-triq hemm liewa, għalkemm il-visibilta' għas-sewwieqa mhix ristretta minn ebda ostakli minn dak il-lat. Il-liewa odjerna tagħti għan-naħa tal-lemin. Fuq il-post tal-aċċess ġie konstatat li t-triq hija nklinata 'l isfel. Fil-post fejn seħħ l-inċident il-wiċċ ta' din it-triq hu tajjeb. Għaldaqstant sewwieqa li jgħaddu minn din it-triq iridu jnaqqsu l-veloċita' tagħhom peress li t-triq iddur;

"Fejn seħħ l-inċident ma hemm ebda bini. Sezzjoni 127 tal-*Motor Vehicle Regulations* (L.S. 65.11) jgħid li l-veloċita' ta' vettura misjuqa ġo nħawi bħal dawn m'għandhiex teċċedi l-veloċita' ta' 80 kilometru fis-siegħa;

"Ma ġenb ta' Triq Mikiel Anton Vassalli u ċioe' fuq in-naħa tax-xellug (meta wieħed iħares lejn Santa Venera) jinsab *crash barrier* li huwa għoli 30 ċentimetru. Waqt li wara tal-*crash barrier* hemm *area* bil-ħamrija. F'din il-ħamrija hemm diversi siġar imħawlin. Wara din l-area tal-ħamrija hemm waqgħa ta' żewġ sulari għal isfel li tagħti għal Triq il-Wied ta' l-Imsida;

"Il-vettura misjuqa minn Sinclair Sammut instabet fi Triq il-Wied l-Imsida. Il-quddiem u s-saqaf tal-vettura kien distrutt kollu waqt li l-vettura daret fl-arja qabel ma ħabtet mal-art. Il-karozza spiċċat maqluba u ċioe' s-saqaf kien mal-art waqt li r-roti kienu fl-arja;

"Kien hemm diversi brix u transfer ta' żebgħa bil-karozza għal fuq il-*crash barrier*. Ġie mkejjel l-ammont ta' brix li kien hemm fuq il-crash barrier fejn irriżulta li l-vettura damet titkaxkar għal distanza ta' 8.1 metri qabel ma straħet. Waqt li minn crash barrier sa tarf il-ħamrija kien hemm distanza ta' 18.55 metri. Ġie osservat li fuq il-wiċċ tal-ħamrija kull ma nstab kien *tyre mark* wieħed. Dawn il-marki kienu dritti u servew biex jindikaw minn fejn għaddiet il-vettura minn fuq il-ħamrija. Gie osservat li dan l-istess sinjal kien twil 70 ċentimetru. Il-marka tat-tyre baqgħet sejra għat-tarf tal-ħamrija.

"Brix fuq il-wiċċ tat-triq ma kienx hemm u l-unika brix li kien hemm kien fuq il-kurdun tas-*centre strip*;

"Ma kien hemm ebda xhud okulari għall-inċident.

"Fir-rapport ta' dan l-espert saret investigazzjoni u rikostruzzjoni tal-inċident a bażi tal-evidenza li tħalliet fuq il-post, wara li ġie eżaminat ir-rapport tal-pulizija u l-ħsarat fuq il-vettura. Huwa qal hekk –

*"Illi meta l-esponent kien fuq ix-xena tal-allegat inċident osserva l-post fejn allegatament il-vettura ħabtet l-ewwel darba fuq il-kurdun tas-centre strip. Minn kalkoli li għamel l-esponent fuq ix-xena tal-allegat inċident deher ċar li l-vettura ħabtet seba' punt tmienja (7.8m) metri l'bogħod mit-tarf tal-bankina sas-centre strip. Illi waqt l-aċċess l-esponent kejjel l-għoli tal-waqgħa u jidher li kien hemm erbatax punt tmienja (14.8m) metri għoli. Illi meta l-esponent kellu din l-informazzjoni kollha f'idu l-esponent seta' jikkalkula b'liema veloċita' il-vettura misjuqa minn Sinclair Sammut ħarġet minn fuq il-ħamrija u seta' wkoll jasal għal veloċita' li kienet għaddejja biha l-vettura fi Triq Mikiel Anton Vassalli a priori tal-inċident.*

"*Illi ġie ikkonstatat li l-vettura numru SVN – 507 ġarrbet ħsarat konsiderevoli fuq quddiem kollu u saqaf. Illi l-ħsarat fuq il-vettura huma konsiderevoli u jista' jiġi ddikjarat li l-vettura ma tistax tiġi msewwija.*

"*Illi ġie stabbilit b'mod ċar li l-vettura ħabtet b'mod frontali. Ġie stabbilit ukoll li sabiex jinħareġ is-sewwieq mill-vettura l-pulizija flimkien ma membri tal-protezzjoni ċivili kellhom joħorġu lil Sammut minn ġol-vettura peress li bid-daqqa l-pilastri ta' quddiem li jżomm is-saqaf ċeda.*

"*Illi mill-evidenza li ħalliet il-vettura fuq il-post tal-allegat inċident ġie ikkonstatat li l-vettura ma ħalliet l-ebda tip ta' sinjali u ċioe' brake marks jew skid marks fit-triq u ċioe' ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli. Kull ma kien hemm kien sinjal ta' tyre mark li ħalliet il-vettura fuq wiċċ tal-ħamrija.*

"*Illi rriżulta li l-vettura tal-għamla Toyota għal xi raġuni qabżet il-karreġjata tagħha u marret fuq in-naħa l-oħra ta' triq b'konsegwenza li ħabtet fis-centre strip. Il-vettura damet tiskidja fuq is-centre strip għal distanza ta' tmienja punt wieħed (8.1) metri sakemm ħarġet minn fuq is-centre strip fejn il-vettura taret u niżlet għal fuq il-ħamrija sebgħin (70) ċentimetru il-bogħod mill-waqgħa.*

"*(.........)*

"*Illi minn kalkoli li għamel l-esponent irriżulta b'mod lampanti li Sinclair Sammut kien għaddej ġo Triq Mikiel Anton Azzopardi b'veloċita' ta' mija tlieta u erbgħin (143) kilometru fis-siegħa. Illi ġie stabbilit illi s-sewwieq Sinclair Sammut ħareġ minn fuq il-waqgħa b'veloċita' ta' erbgħin (40) il-kilometru fis-siegħa.*

"*Illi mill-evidenza li tħalliet fuq il-post wieħed jista' jikkonkludi kif seħħ l-inċident.*

"*a. Illi Sinclair Sammut kien qed isuq il-vettura tiegħu ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN-507. Illi hu kien għaddej mid-direzzjoni ta' Paceville u kien sejjer lejn id-direzzjoni ta' Santa Venera. Dak il-ħin tal-allegat inċident Sammut kien waħdu.*

"*b. Illi meta Sinclair Sammut kien għaddej minn Triq Mikiel Anton Vassalli, Santa Venera b'veloċita' ta' mija tlieta u erbgħin (143kfs) kilo metru fis-siegħa hu qatt ma seta' kien f'pożizzjoni illi jikkontrolla l-vettura*

*li kien qed isuq b'konsegwenza li l-vettura tiegħu baqgħet sejra dritt fejn baqgħet dieħla ġol-crash barrier u baqgħet nieżla għal isfel.*

"*c. Illi hemm diversi fatturi li setgħu kienu r-raġuni għalfejn il-vettura ta' Sinclair Sammut setgħet spiċċat ġo Triq il-Wied ta' l-Imsida. Illi teorija waħda hija li għalkemm ġie kkonstatat illi dak in-nhar tal-allegat inċident it-triq kienet xotta Sammut seta' raqad fuq l-isteering waqt illi kien qed isuq. Illi f'dan l-aspett l-esperti Richard J. Bonnie et al jgħidu illi, Sleep deprivation makes it difficult to maintain stable performance over time, as measured by response latency, response variability, speed, accuracy, hand-eye coordination, decision-making, and memory. Acute sleep deprivation refers to sleep missed in a 24-hour period...Interns who drove after an extended work shift (>24 consecutive hours) were more likely to be involved in a motor vehicle crash. Illi l-awturi David C. Brody et al fil-ktieb Criminal Law jgħidu wkoll illi, no motorist suffering from any serious malady or infirmity can with impermit drive any automobile at any time or place, since no one can know what physical conditions make it reckless or culpable negligent to drive an automobile.*

"*d. Illi jekk fil-fatt Sinclair Sammut ma kienx rieqed waqt illi kien qed isuq u għaddej bil-veloċita' kkalkulata, dan jagħti x'jifhem illi għaldaqstant ix-xufier kien qed isuq il-vettura tiegħu b'mod perikoluż u negliġenti.......u b'imprudenza kbira illi wassal sabiex huwa jitlef kontroll tal-vettura tiegħu."*

"Minn fost il-konklużjonijiet ta' dan l-espert hemm li –

"Fil-mument tal-inċident il-vettura ma kellha l-ebda difett mekkaniku kemm fil-*braking system* u lanqas fl-*isteering*.
"Bil-veloċita' li kien għaddej isuq biha Sammut huwa ma kienx f'pożizzjoni illi jikkontrolla l-vettura tiegħu speċjalment meta l-vettura waslet mal-liwja.
"Peress li qabel ma seħħ l-inċident il-vettura ta' Sammut ma ħalliet ebda marka f'wiċċ it-triq, dan jindika li Sammut ma ppruvax iwaqqaf il-vettura tiegħu li jagħti x'jifhem li huwa ma kienx f'sensih fil-mument tal-inċident;
"Il-ħabta u l-konsegwenzi tagħha kienet waħda mill-fatturi li teoretikament setgħu wasslu għall-mewt ta' Sinclair u dan minħabba l-fatt li mal-impatt Sammut seta' jew raqad jew kien hemm xi kumplikazzjonijiet oħra li hu ma kellux kontroll fuqhom.

"Mix-**xhieda tiegħu viva voce quddiem il-Qorti**[19]**, l-espert Mario Buttigieg pero' spjega li huwa kien ħa żball fil-kalkolu li kien għamel preċedentement u kkonkluda li <u>l-veloċita' li biha kien qed isuq Sinclair Sammut fil-ħin tal-inċident kien ta' 80 km fis-siegħa</u>**[20]**.**

"Dan l-espert irrisponda wkoll **in kontro-eżami**[21] għal domandi bil-miktub li sarulu mill-Awtorita' konvenuta[22].

[19] Fol 264 et seq
[20] Fol 262 et seq u fol 385 et seq
[21] Fol 370 et seq u fol 395 et seq
[22] Fol 326 et seq u fol 390 et seq

"5. Xehed **John Micallef in rappreżentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni**[23] li esebixxa fotokopji tal-income tax returns ta' Sinclair Sammut għas-sena ta' stima 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012[24].

"6. Xehed **Johan Camilleri**[25], kollega ta' Sinclair Sammut fuq il-post tax-xogħol u li kien ilu jaħdem hemm sa mill-2004 filwaqt li Sammut kien daħal circa sentejn qablu. Lil Sammut kien jafu mhux biss fuq il-post tax-xogħol iżda anke fuq bażi ta' ħbiberija għax kienu jqattgħu anke ħin flimkien bil-familji. Huwa ried jagħti x-xhieda tiegħu wara li sema' mingħand mart Sinclair li kien hemm rapport li jindika li fil-ġurnata tal-inċident Sinclair kien qiegħed isuq b'veloċita' qawwija ħafna. Ix-xhud qal li hu ta' spiss kien jirkeb ma' Sinclair fil-karozza tiegħu. Spiss kien jgħaddi għalih u jmorru flimkien ix-xogħol u jwasslu lura. Kienu wkoll joħorġu flimkien u Sinclair kien isuq diversi drabi.

"Ix-xhud insista li kien jaf tajjeb ħafna kemm is-sewqan ta' Sinclair kif ukoll il-vettura tiegħu. Huwa kien sorpriż bil-konklużjoni tal-allegata veloċita' ta' Sinclair għax bħala sewwieq jafu sewwa u jaf li hu jsuq bl-irġulija u qatt ma jsuq b'veloċita', fil-fatt ix-xhud kien igerger miegħu għaliex isuq bil-mod u dejjem bl-air condition mixgħul. Il-karozza tiegħu lanqas ma kienet ittella dik il-veloċita' li ntqal li kien għaddej biha, anzi qal li fil-veloċita' l-vettura kienet batuta anki għaliex kienet automatic. Kienet tbati ferm aktar meta l-air condition kien mixgħul u hu kien jaf li mingħajru mixgħul ma kienx isuq. Ix-xhud żied jgħid li hu għandu karozza simili ħafna, Toyota Vitz, bl-istess magna, *automatic* u bl-*air condition* ukoll u jaf li veloċita' ma jtellgħux dawn il-karozzi.

"7. Xehed **is-surġent David Sant**[26] li meta seħħ l-inċident kien aċċeda fuq il-post. Huwa qal li l-vettura ta' Sinclair waqgħet mill-istess post fejn kienet mietet żagħżugħa Alexia Baldacchino fl-2007. Huwa qal li hemmhekk spiss imorru minħabba xi kolliżjoni u meta tintmess xi *crash barrier* ta' Transport Malta imur uffiċjal minn tagħha, jieħu l-qisien ħalli mbagħad tramite l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jiġu mħallsa l-ħsarat li jkunu saru fuq il-*crash barriers*.

"Żied jgħid li minn wara l-inċident ta' Sinclair il-*crash barriers* ġew mgħollija iżda mhux qabel. Jiġifieri wara l-mewt t'Alexia kienu baqgħu l-istess. Anke l-ġebel fejn il-vettura ta' Alexia qabdet iċ-ċint u waqgħu xi knaten issewwa wara t-tieni nċident.

"8. Xehed **il-perit David Vassallo**[27] f'isem l-Awtorita' konvenuta fejn jaħdem fir-Road Infrastracture Directorate għal 14 -il sena. Mistoqsi dwar il-crash barrier fiż-żona fejn seħħ l-inċident de quo huwa qal li din kienet

[23] Fol 90 G
[24] Fol 165 et seq
[25] Affidavit a fol 183
[26] Fol 206 et seq
[27] Fol 210 et seq u fol 252 et seq

ġiet mibdula u nstallata waħda oħra bejn l-2012 u l-2014 imma ma kellux data preċiża. Il-barrier li hemm il-lum hija aktar għolja minn dik li kien hemm qabel. Huwa esibixxa ritratti tal-crash barrier l-antika u kif inbidlet wara l-inċident[28], rapport li jagħti l-għoli u d-dettalji tal-*crash barriers*[29], ritratti li juru l-ispeed limit ta' 40 km/h[30] u rapport li sar mill-perit A. Bezzina, *Head Rapid Intervention Unit tal-Works Division* fejn juri fl-istess area *crash barrier* oħra li hija milquta minn karozza u dan biex jasserixxu li r-raġunament tekniku huwa li l-*crash barriers* li hemm huma biżżejjed biex iżommu karozza li tkun għaddejja bil-veloċita' ndikata fis-sinjali[31] *.* Huwa spjega li fiż-żona fejn seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni l-istruttura ta' barriers li kellhom kienet waħda li torbot mal-ispeed limit li kien hemm stabbilit fit-triq.

"Ix-xhud żied jgħid li fis-snin riċenti huma daħħlu kunċett ġdid li jintuża fl-Ewropa li huwa *"forgiving roads"* u ċioe' fejn eż l-limitu tal-veloċita' huwa 40 km fis-siegħa u jagħmlu restraint biex jekk wieħed jaħbat b'veloċita' ta' 40 km fis-siegħa jekk jista' jkun ma jweġġax. Issa fejn l-Awtorita' rriżultalha li kien hemm ammont akbar minn normal ta' sewwieqa li ma jobdux ir-regolamenti hija ħolqot mezzi ġodda ta' sigurta' biex jekk sewwieq ikun għaddej b' veloċita' aktar għolja minn dik permessa eż bit-80km fis-siegħa jew 90 kilometru fis-siegħa t-triq tkun iddisinjata b'mod li dak li jkun ma jweġġax ħafna jew ma jmutx. Allura bħala parti minn dan il-proċess partikolari fl-area in kwistjoni u kif ukoll f'area oħra huma jżommu konsultazzjoni l-ħin kollu mal-Pulizija fejn jindikaw li għandhom siti b'numru ta' problemi għax qed ikun hemm ħafna nċidenti jew inkella volum tat-traffiku li jkun għoli; huma għalhekk jagħmlu nterventi biex itejbu s-sigurta' tat-toroq. It-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni hija waħda mit-toroq li fiha jsiru ħafna nċidenti.

"Ix-xhud kien konsapevoli tal-fatt li xi żmien qabel f'dak l-istess post kienet mietet tfajla oħra.

"Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-crash barrier li kienet inbidlet wara l-mewt ta' Sammut u mhux qabel. Iżda skont ma qal dan l-intervent ma sarx konsegwenza taż-żewġ inċidenti fatali fiż-żona iżda bħala parti minn interventi li kienet qed tagħmel l-Awtorita' f'numru ta' toroq minħabba l-inċidenti li jsiru fihom. Huwa esibixxa rapport tal-perit Robert Zerafa, *Senior Manager* fl-Awtorita'[32] tal-5 ta' Lulju 2012 fejn indika lista ta' toroq li fihom kienet qed tittieħed jew ser tittieħed azzjoni azzjoni b'rabta ma' *road safety impact assessments*. Ix-xhud esibixxa wkoll dokument ta' Transport Malta li jispjega kif tinġabar id-data u kif jagħmlu network safety ranking skont id-direttiva 2008/96/EC tal-Unjoni Ewropea u skont l-Avviż Legali 34/11[33]. Ix-xhud żied jgħid li l-limiti tal-veloċita' tas-sewqan jiġu stabbiliti mill-Awtorita'. Qal ukoll li fit-triq fejn seħħ l-inċident ta'

[28] Dok DV 1 a fol 229
[29] Dok DV 2 a fol 230
[30] Dok DV 3 a fol 231
[31] Fol 233 et seq
[32] Rapport dok DV 5 a fol 236 et seq
[33] Dok DV 6 a fol 240 et seq

Sinclair Sammut il-limitu tal-veloċita' kien ta' 40km fis-siegħa pero' ma kienx f'qagħda jgħid meta ġie stabbilit dak il-limitu.

"9. Xehed **Nicholas Baldacchino, Legal Support Manager tal-Awtorita' konvenuta fi ħdan id-Direttorat għall-Infrastruttura u t-Toroq**[34] li esebixxa ritratti li juru l-*crash barrier* u ż-żona fejn ġara l-inċident, is-senjalatika tal-veloċita' ta' 40 km fis-siegħa u s-senjalatika li tgħid *"heavy vehicle and slow moving traffic keep to the left"*[35]. Dawn kienu preżenti fl-epoka li seħħ l-inċudent ta' Sinclair Sammut.

"Ix-xhud ikkonferma li fiż-żmien tal-inċident il-*crash barrier* kienet baxxa u wara l-Awtorita' għollietha. Huma kienu jafu li kien każ ieżor ta' tfajla li mietet fl-istess post xi żmien qabel. Il-crash barrier inbidlet 3 ijiem wara l-inċident ta' Sinclair Sammut.

"10. Xehed l-**Inġinier Simon Grima*, Chief Officer* fid-direttorat tat-toroq ta' Transport Malta**[36] li ppreżenta affidavit bil-pożizzjoni tal-Awtorita' fuq l-inċident u spjega li l-informazzjoni ġabha mill-files, dokumenti u esperti tad-Direttorat. Huwa spjega li apparti l-fatalita' li kien hemm fil-post qabel dik ta' Sinclar Sammut ikollhom ħafna nċidenti f'dik iż-żona fuq bażi regolari. Ikkonferma wkoll li l-crash barriers li kien hemm fl-epoka tal-inċident kienu jirriflettu l-veloċita' preskritta għal dik it-triq u wara l-inċident ta' Sinclair Sammut huma għollew anzi rduppjaw l-għoli tal-*crash barriers*.

"Fl-**affidavit** esibit minnu[37] huwa xehed li d-Direttorat tat-Toroq u l-Infrastruttura fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta huwa responsabbli mill-bini u manutenzjoni tat-toroq arterjali u distributorji. Qal li wara l-inċident intbagħat field officer li ġibed numru ta' ritratti fuq il-post tal-inċident kif ukoll ikkonferma li t-tabella tal-veloċita' li kien hemm fuq il-post kienu jindikaw veloċita' ta' 40 km fis-siegħa. It-tabella kienet installata fil-parti tat-triq ta' qabel iż-żona fejn seħħ l-inċident.

"L-ewwel indikazzjonijiet li kellha l-Awtorita' dwar dan l-inċident kien li s-sewwieq kien għaddej b'veloċita' qawwija tant li l-vettura wara li laqtet il-kurduna tas-central strip marret fuq in-naħa l-oħra tat-triq fejn tkaxkret mal-crash barrier. Tant kienet eċċessiva l-veloċita' li biha kien għaddej is-sewwieq li l-vettura wara li tkaxkret mal-*crash barrier* kompliet biex qabżet l-istess *crash barrier*, tkaxkret jew tgerbet tul il-ħamrija u waqgħet għal isfel. Ix-xhud saħaq li l-crash barrier ta' żmien l-inċident illum tikkonforma mal-istandards Ewropej, speċifikatament EN1317, N1 li tispeċifika li l-*crash barrier* kienet imfassla biex twaqqaf vettura ta' 1500 kg għaddejja b'veloċita' ta' 80 kilometru fis-siegħa. Għalhekk ikun loġiku skont ix-xhud li wieħed jikkonkludi li l-vettura kienet għaddejja b'ferm iżjed minn 40km fis-siegħa possibilment iżjed mid-doppju.

[34] Fol 277 et seq
[35] Fol 270 et seq
[36] Fol 287 et seq
[37] Fol 290 et seq

"Hekk kif tlestiet l-inkjesta u ssewwiet il-*crash barrier* saru diskussjonijiet mad-Direttorat tat-Toroq fejn ġie deċiż li jinbidlu l-*crash barriers* u jitwaħħlu oħrajn li jifilħu għal vetturi: 13,000kg *bus* b'veloċita' ta' 70km fis-siegħa; 900kg *car* b'veloċita' ta' 100km fis-siegħa. Pero' sostna li fl-opinjoni tal-Awtorita' il-crash barrier fit-triq dakinhar tal-inċident kienet adegwata għall-veloċita' preskritta u kien jinkludi wkoll element qawwi ta' safety. F'dan il-każ il-*barrier* kien jiflaħ speed doppju ta' dak preskritt. Il-*barrier* ġiet mibdula bħala parti mill-policy tad-Direttorat li kemm jista' jkun it-toroq ikunu ddisinjati biex "jaħfru" l-iżbalji tas-sewwieqa. Għalhekk l-Awtorita' żiedet mal-miżuri tas-sigurta' ġja eżistenti. Pero' fil-fehma tax-xhud l-Awtorita' ma tħossx li l-mewt ta' Sammut kienet riżultat ta' xi nuqqas minn naħa tagħha.

"**F'xhieda sussegwenti**[38] huwa esibixxa ritratti taż-żona tal-inċident u dokumentazzjoni dwar il-veloċita' li biha jgħaddu l-vetturi minn hemm. Huwa reġa' saħaq li wara li l-Awtorita' minn analiżi li għamlet irriżultalha li n-nies f'dik iż-żona jsuqu ferm ogħla mill-ispeed speċifikat, hija ħadet miżuri ulterjuri. Dan jaqa' fil-programm tagħha jismu SAFER – *Self Explaining Junctions and Forgiving Roads*. Jiġifieri għalkemm in-nies ma jkunux qed isegwu d-direzzjoni tagħhom huma xorta jippruvaw jieħdu miżuri biex jipprevjenu u "jaħfru" l-iżball tagħhom biex anke jekk sewwieq jikser il-liġi minħabba l-ispeed jekk jista' jkun ma jmutx.

"Huwa ma kienx f'qagħda jgħid meta saru l-ewwel darba dawk il-*crash barriers*.

"11. Ġiet esibita wkoll kopja tal-proces verbale dwar il-mewt ta' Alexia Maria Baldacchino[39] li fih il-konklużjoni tal-Magistrat Inkwirenti kienet li d-defunta kienet unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-istess post ftit snin qabel.

"**Ikkunsidrat:**

"L-ewwel talba attriċi tirrigwarda r-responsabbilta' għall-inċident in kwistjoni.

"Peress li fil-ħin tal-inċident Sincliar Sammut kien waħdu fil-vettura u ma jirriżulta li kien hemm ebda xhieda okulari għal dak li seħħ il-Qorti sejra tikkunsidra d-dinamika tal-inċident bħala dik li ġiet stabbilita kemm mir-rapport tal-Pulizija kif ukoll mill-bqija tal-atti tal-inkjesta Maġisterjali li sinteżi tagħhom diġa ngħatat *supra.*

"Dwar id-dinamika tal-inċident għal fini ta' responsabilta' l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

"1. Fil-ħin tal-inċident Sinclair Sammut **<u>kien qiegħed isuq bit-80 km fis-siegħa</u>**.[40] Dan ifisser li **<u>huwa kien qiegħed isuq b'veloċita aktar mid-</u>**

[38] Fol 299 et seq u fol 320 et seq
[39] Fol 332 et seq
[40] Ara relazzjoni tal-perit tekniku Mario Buttigieg

**<u>doppju ta' dak stabbilit f'dik it-triq u ċioe' ta' 40km fis-siegħa</u>**, liema limitu ta' sewqan kien ben senjalat bit-tabella li turi l-veloċita' massima permessa u għalhekk id-decujus huwa meqjus li kien jaf jew aħjar kellu jkun jaf li dak il-limitu ma kellux jaqbżu. **Il-Qorti ma tista' qatt tagħti piż leġġer għan-nuqqasijiet tas-sewwieqa li jiksru b'mod lampanti r-regolamenti tat-traffiku b'sewqan eċċessiv u ta' dan huma għandhom dejjem iġorru r-responabbilta' maġġuri tal-konsegwenzi kollha li jiskattaw minn tali aġir irresponsabbli**. L-istess raġunament jgħodd għall-każ tal-lum.

"2. Minn dak li rriżulta mill-inkartament tal-inkjesta Maġisterjali esibit in atti, il-kawża preċiża tas-sewqan tad-*decujus* b'din il-veloċita' ma setgħetx tkun magħrufa preċiżament. Issemmew żewġ teoriji primarjament u ċioe' li jew raqad fuq l-*isteering* waqt li kien qed isuq jew kien għaddej bil-veloċita' kkalkulata. Fl-ewwel ipoteżi, li hija plawsibbli tenut kont li f'dak il-ħin ta' bil-lejl id-decujus kien qiegħed jirritorna mix-xogħol part-time tiegħu meta huwa kellu wkoll xogħol full-time x'imkien ieħor, ġie ndikat mill-espert tal-inkjesta maġisterjali Mario Buttigieg li meta wieħed isuq u jkun għajjien ħafna u b'nuqqas ta' rqad ikun diffiċli għalih li jsuq b'kontroll stabbli aktar kemm jgħaddi l-ħin, liema fattur seta' jaffetwa anke l-konċentrazzjoni u l-luċidita' tas-sewwieq waqt is-sewqan bil-konsegwenza li l-possibilta' akbar li s-sewwieq ikun involut f'inċident tat-traffiku. Fit-tieni ipoteżi, jekk Sinclair Sammut ma kienx rieqed waqt illi kien qed isuq u għaddej bil-veloċita' kkalkulata, dan allura jikklassifika s-sewqan tiegħu bħala wieħed perikoluż, traskurat, u negliġenti wieħed ikkattarizat b'imprudenza kbira. Fiż-żewġ ipoteżijiet huwa d-decujus li għandu jġorr ir-responsabbilta' tal-aġir tiegħu, aġir li bi prudenza ta' *bonus pater familias* setgħu ġew entrambi evitati u l-inċident innifsu kien jiġi evitat. F'kull każ jekk kien hemm xi raġuni oħra żgur li ebda ħtija ma tista' tiġi attribwita lill-Awtorita' konvenuta. Jerġa jiġi ritenut illi ebda tezi oħra ma ġiet avanzata li tissodisfa l-Qorti mod ieħor. Fil-fatt għalkemm l-attriċi tatribwuxxi tortijiet lil Awtorita', ċetrtament u ndubbjament il-konvenuta ma tistax tirrispondi għas-sewqan tad-*decujus.*

"3. Inoltre nonostante li t-triq hija dritta u tagħti visibilta' tajba għas-sewwieqa, fil-lok fejn seħħ l-inċident hemm liewa u għalhekk is-sewwieqa li jgħaddu minn hemm iridu jnaqqsu l-veloċita' tagħhom peress li t-triq iddur. Madankollu fil-każ odjern bħala fatt irriżulta li fil-mument tal-inċident Sammut kien tilef il-kontroll tal-vettura kompletament u ma ppruvax iwaqqaf jew inaqqas il-veloċita' tal-vettura tant li lanqas sinjali ta' brejkijiet ma kien hemm ma' l-art. Il-fatt li Sammut tilef il-kontroll fis-sewqan tal-vettura li kien qiegħed isuq ifisser ukoll li huwa naqas milli josserva waħda mir-regoli prinċipali fis-sewqan u ċioe' dik li s-sewwieq, f'kull ħin, huwa obbligat li jżomm kontroll tajjeb ta' dak li qiegħed jagħmel u ta' dak li jkun hemm fil-madwar. Dan kollu jkompli għalhekk iżid mal-piż tar-responsabbilta' tad-*decujus* fl-inċident in eżami.

"4. Inoltre, kif qalet il-Qorti fil-każ **Raymond Barbara et vs Avukat Ġenerali et deċiż fil-31 t'Ottubru 2007** dwar fatalita' simili f'diversi aspetti għal dik tal-lum -

> *".....hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess decujus naqas li jirregola tempestivament is-sewqan tiegħu, b'mod li naqas li jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji qabel ma' ġie għal dik il-parti tat-triq li kienet fatali għalih, b'dan li għalhekk huwa poġġa lilu nnifsu bis-sewqan imprudenti tiegħu f'posizzjoni ta' self inflicted incapacity; dan huwa rifless mill-fatt li fis-sewqan tiegħu naqas li jieħu in konsiderazzjoni fil-kontroll tal-vettura tiegħu, kif kien ser jipprocedi minn dik il-parti tat-triq li ċertament, ħaġa li l-istess sewwieq setgħa u kellu jantiċipa fl-investiment tal-vettura tiegħu; dan jidher li ma sarx tant li sfortunatament l-istess Andre' Barbara ma kkontrollax il-vettura tiegħu sew qabel l-impatt. Din ma hijiex kwistjoni biss ta' veloċita' iżda wkoll ta' sewqan prudenti li neċessarjament jieħu in konsiderazzjoni t-toroq li huwa jkun għaddej minnhom, inkluż id-dawrin li jinkorporaw l-istess skond il-każ.*
>
> *"Illi hawn tista' ssir riferenza għas-sentenza* ***"David Scerri et vs Anthony Ciantar et"*** *(P.A. (PS) - Cit. Nru:728/97/PS – 3 ta' Ottubru 2003) fejn intqal hekk :-*
>
> *"Huwa paċifiku illi anke fejn l-ispeed jitqies konformi għar-regoli tas-sewqan, eppure ċertu speed kapaċi jinnewtralizza dak il-marġini ta' sikurezza tant importanti u neċessarju f'kull każ ta' emerġenza li tista' tinqala jew li sewwieq sab ruħu konfrontat minnha f'kull mument tas-sewqan".*

"Kunsiderazzjonijiet dawn li l-Qorti tagħmel tagħha għall-fini tal-każ odjern ukoll.

"**5. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet kollha msemmija l-Qorti hija tal-fehma li d-decujus Sinclair Sammut għandu jingħata l-maġġor parti tar-responsabbilta' għall-inċident fatali li seħħ fil-21 ta' Ġunju 2011.**

"6. Imiss issa li tiġi evalwata l-pretensjoni tal-atturi li l-Awtorita' konvenuta għandha ġġorr ir-responsabbilta' għall-inċident għax allegatament l-istess inċident seħħ *"minħabba nuqqas ta' manutensjoni ta' crash barriers u nuqqas ta' sigurta' adegwata fit-triq*[41]*"* li fiha seħħ l-inċident.

"7. Fil-każ citat **Raymond Barbara et vs Avukat Ġenerali et** il-Qorti kompliet tgħid hekk dwar ir-responsabilta' tal-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli mis-sigurta' u l-manutenzjoni tat-toroq (responsabilta' li fil-każ odjern hija fil-mansjoni tal-Awtorita' konvenuta) -

*"Illi dwar dan, din il-Qorti tibda billi tirreferi għall-kawża fl-ismijiet* ***"Fiorino D'Oro Co. Ltd vs Direttur tat-Toroq"*** (Cit. Nru : 1781/2001/TM – 16 ta' Jannar 2003) fejn ingħad:-

> *"……...l-kunċett tar-responsabbilta' tal-Gvern hi bażata, bħal dak taċ-ċittadin ordinarju, fuq id-delitt u l-kważi-delitt kif kontemplat fl-artikolu 1029 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Dan ifisser li l-Gvern biex jista' jinstab responsabbli għad-danni irid ikun aġixxa b'imprudenza, b'negliġenza u bla ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, għax diment li 'jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu' – artikolu 1030 Kodiċi Ċivili. Fil-kawża 'Xuereb et vs Micallef et', deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1953, intqal li 'Id-dispożizzjoni tal-liġi li tirrendi responsabbli tal-ħsara li tiġri bi ħtija ta' min ikun kaġun ta' dik il-*

[41] Rikors ġuramentat para 2

> *ħtija hija ġenerika u ma tagħmel ebda eċċezzjoni, lanqas għal Gvern; u għalhekk il-Gvern huwa obbligat jagħmel tajjeb għad-danni fil-każ li huwa, fl-eżercizzju tad-drittijiet tiegħu, joħroġ mill-ġusti limiti u jikkaġuna preġjudizzju lit-terzi' (ara ukoll 'Apap Bologna vs Borg Olivier', deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Frar, 1958; 'Zahra vs Direttur Xoghlijiet Pubblici' deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru, 1991; u, aktar, 'Micallef vs Direttur tax-Xogħlijiet', deċiża wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2001).*
> *"Fil-każ in kwistjoni, m'hemmx dubbju li jidħol fost il-jeddijiet tal-Gvern, id-dritt, anzi, l-obbligu, li jipprovdi toroq tajbin u adegwati għall-użu miċ-ċittadin u ta' dawk li jiġu jżuruna".*

"8. Ferm il-premess jirriżulta fl-ewwel lok li minn dak li ġie konstatat waqt l-inkjesta Maġisterjali fil-każ odjern fil-post fejn seħħ l-inċident il-wiċċ ta' din it-triq hu tajjeb. Mela minn dan il-lat almenu ma jirriżultawx fatturi li setgħu kkontribwew għall-inċident *de quo*.

"9. Huwa evidenti li l-atturi jatribwixxu ħafna piż ta' dak li okkorra fuq il-*crash barriers* li kien hemm installati fit-triq in kwistjoni fl-epoka tal-inċident. Fil-fehma tagħhom in-nuqqas ta' manutenzjoni tagħhom u anke l-fatt li kienu pjuttost baxxi wasslu għall-fatalita' mertu tal-proċeduri odjerni. Issaħħu dan l-argument anke billi jagħmlu referenza għal inċident fatali ieħor preċedenti identiku fl-istess triq u lokalita' biex jsostnu n-nuqqas adekwat tal-crash barriers imsemijja.

"10. Fir-rigward tal-*crash barriers* il-Qorti tagħmel diversi osservazzjonijiet u dan anke wara li ħadet in konsiderazzjoni dak li ssottomew il-partijiet. *In primis* ġie muri b'mod mhux kontradett mill-provi li l-*crash barriers* esistenti fl-epoka tal-inċident kienu adatti u adegwati għall-veloċita' preskritta f'dik it-triq, anzi kienu ddisinjati biex jifilħu u jwaqqfu vetturi għaddejjin b'veloċita' ferm aktar minn hekk. Inoltre għalkemm ġew esibiti diversi ritratti tal-*crash barriers* fiż-żona tal-inċident li kienu xi ftit mgħawġin, ma ntweriex li fil-mument ta' qabel ma seħħ l-inċident il-*crash barriers* in kwistjoni ma kinux fi stat ta' manutenzjoni tajba jew mhux adattati għal-iskop magħmula, ċioe' *fit for purpose*. Invece huwa aktar probabbli anke mill-istess ritratti esibiti li fil-punt fejn seħħ l-inċident ta' Sammut il-*crash barriers* tgħawġu proprju bil-vettura ta' Sinclair Sammut meta din l-ewwel tkaxkret u mbagħad għaddiet minn fuq l-istess *crash barriers* għal fuq il-ħamrija. Jingħad ukoll li effettivament l-utilita' tal-*crash barriers* eżistenti fl-epoka tal-inċident hija manifesta tant li servew ta' lqugħ parzjali għall-vettura ta' Sinclair Sammut meta huwa tilef il-kontroll tal-vettura u din tkaxkret għal diversi metri matul l-istess *crash barriers*. Irriżulta iżda li l-vettura ta' Sammut f'punt minnhom inqatghet mill-art (fattur dejjem attribwibbli għall-veloċita' li biha kienet għaddejja l-vettura) u rikbet minn fuq il-*crash barriers* għal ġol ħamrija minn fejn għaddiet u waqgħet circa żewġ sulari għat-triq ta' taħt.

"Jekk il-Qorti tieqaf s'hawn tasal biex tikkonkludi li l-Awtorita' m'għandha ġġorr ebda responsabilta' għall-inċident u għandu jkun biss id-*decujus* Sinclair Sammut li jiġi mgħobbi bir-responsabilta' unika tal-akkadut,

konklużjoni li *del resto* l-Maġistrat inkwirenti kien wasal għaliha fir-rigward tal-mewt fatali ta' Alexia Maria Baldacchino f'inċident simili ħafna ftit snin qabel u proprju fl-istess lok fejn miet Sammut.

"**Iżda l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, l-Awtorita' konvenuta ukoll uriet nuqqasijiet fir-responsabiltajiet u l-funzjonijiet tagħha li tipprovdi sigurta' biżżejjed fit-trieq in kwistjoni. Għal dawn in-nuqqasijiet hija għandha tirrispondi anke jekk fi grad inqas minn dak tad-*decujus* Sammut.**

"Il-Qorti tinnota li filwaqt li huwa minnu, kif ingħad, li fiż-żona fejn seħħ l-inċident kien hemm diġa *crash barriers* installati, l-istess Awtorita' kellha għarfien u konsapevolezza tal-fatt li f'dik iż-żona kienu jsiru ħafna nċidenti tat-traffiku. Addirittura kienet ukoll konsapevoli tal-fatt li xi snin qabel kien seħħ inċident fatali ieħor b'dinamika simili għal dik odjerna proprju fl-istess lok. Bejn l-inċident fatali ta' Alexia Maria Baldacchino u dak ta' Sinclair Sammut għaddew circa tlett snin u nofs. Il-Qorti tqis bħala nuqqas tal-Awtorita' l-fatt li qagħdet tistenna sa wara l-inċident fatali ta' Sinclair Sammut biex tieħu azzjoni aktar konkreta ħalli żżid is-sigurta' f'dik iż-żona billi ssaħħaħ il-*crash barriers* kemm fis-saħħa u anke fl-għoli tagħhom. Huwa minnu li r-responsabilta' ewlenija għal sewqan prudenti tibqa' dejjem fuq is-sewwieq, iżda fi triq bħal dik fejn sfortunatament tant sewwieqa regolarment jonqsu milli josservaw il-limitu tal-veloċita' tas-sewqan, l-Awtorita' kien imissha ħadet prekawzjonijiet ferm aktar drastika aktar qabel biex tinstalla *crash barriers* aktar b'saħħithom u għoljin partikolarment wara l-inċident ikrah ta' Alexia Maria Baldacchino u dan sabiex jitnaqqas il-periklu għall-utenti tat-triq. Li kieku dan seħħ tempestivament probabilment il-fatalita' ta' Sinclair Sammut ma kinitx isseħħ jew kien ikollha konsegwenzi inqas serji.

"Addirittura wara l-inċident ta' din it-tfajla, lanqas iċ-ċinta tal-ġebel (anke jekk relattivament baxxa) li kienet twaqqgħet bil-vettura tagħha ma ġiet imsewwija, u kien proprju minn dik it-tiċrita li baqgħet għaddejja minnha l-vettura ta' Sammut.

"L-istess Awtorita' tgħid li issa kienet anke qed tagħmel provedimenti għal hekk imsejjħa *"forgiving roads",* kunċett dana li mhux wieħed tant ġdid kif igħid l-istess Perit Vassallo, pero kunċett li kellu jistenna daqshekk żmien biex jiġi adoperat fil-lokalita' in kwistjoni tenut kont tal-fatt li żgur u bilfors li l-istess Awtorita' kienet kif ġia ntqal ben konsapevoli tal-problema konċernanti is-sit in kwistjoni. Għalhekk ma kien qatt bizzejjed li jissewwew il-barriers daqs kemm li jiġu installati oħrajn u sistemi oħra li jikkompensaw għal fatt li ċertu sewwieqa għar-ragunijiet varji, bħan-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan iżda mhux biss[42], jitilfu l-kontroll tas-sewqan.

[42] Bħal jista jkun waħda mill-ipotesi in kwistjoni lis-sewwieq ma kienx f'sensieh.

"Fir-rigward ta' din ir-responsabilta' kontributorja, sugerita *der resto* anke mill-konvenuta Awtorita' fin-nota tagħha, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **John Baptist Spiteri vs Vincent Saliba et.[43]:-**

> *"Kif jipprovdi l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili:-*
>
> *"Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb* ***ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara****, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddecidi,* ***fid-diskrezzjoni taghha****, f' liema proporzjon din tkun* ***ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet****, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.".*

*"Fil-kawza* ***Froom vs Butcher****, Lord Denning spjega:-*

> *"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty of others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself."****[44].*

"*Mill-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili wiehed jista' jasal biex ighid li ghal fini ta' kontributorjeta hu rilevanti wkoll x'kienet il-kawza tad-danni. Taht il-ligi Ingliza bid-dhul fis-sehh ta' The Law Reform (Contributory Negligence) Act 1945, "....****what is essential is that the claimant's conduct contributes to his damage****. Thus there may be a reduction where a motor cyclist fails to wear a crash helmet, where a passenger in a car does not wear his seat belt, or where a man rides in a dangerous position on the outside of a dust cart, or rides with a driver who he knows to have taken substantial quantities of alcohol."[45]. Bla dubju s-sewqan tal-attur ikkontribwixxa ghall-hsara tal-incident. F'dan il-kuntest hi nteressanti wkoll il-kawza* ***Richard Fenech vs Rook Construction Limited*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[46] fit-3 ta' Ottubru 2003, fejn vettura habtet go cint biswit sit ta' kostruzzjoni u waqghet gholi ta' zewg sulari. Il-qorti kkonkludiet li r-reponsabbilta' kellha tinqasam bejn ix-xufier tal-vettura (htija kontributorja) minhabba sewqan b'velocita eccessiva li wassal sabiex l-attur ma jkollux kontroll shih tal-vettura li kien qieghed isuq, u l-konvenuti in solidum fosthom id-Direttur Generali tax-Xogholijiet) ghaliex naqas milli jissorvelja l-fatt li ma kienx hemm ripar adegwat ghall-utenti tat-toroq[47]. Il-qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza*

---

43 Deċiża 10.08.2009; 31/2009 AE

44 *The Modern Law of Negilgence*. R.A. Buckley ( Tieni Edizzjoni, Butterworths, 1993)

45 Winfield & Jolowicz on Tort, W.V.H. Rogers (17 Edizzjoni, Sweet & Maxwell, 2006) pagna 324.

46 Per Imħallef Philip Sciberras.

47 Ara ukoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawza **Paul Mamo vs John Muscat Doublesin** deċiża fid-9 ta' April, 1963 (Volum X;VII.ii.732) fejn il-qorti kkunsidrat ukoll l-entita' tal-ħsara minħabba veloċita' eċċessiva tal-attur, u qieset li din tagħti lok għall-ħtija

**Joseph Galdes –vs- Victor Micallef**, Qorti tal-Appell, 20 ta' Jannar 1964 (Vol. XLVIII.i.59) fejn inghad: *"vouldiri, huwa mholli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm htija kontributorja da parte tad-danneggjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha* ***hu kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab*** *sew jekk id-danneggjanti jkunu kkagunaw id-danni b'semplici kolpa jew anki b'dolo, minghajr ebda regola prestabilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu. B'dana kollu, s'intendi, tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens dik li din il-qorti applikat diversi drabi f'kawzi ta' dannu, fis-sens illi 'it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally'."*.

"Magħmula dawn l-osservazzjonijiet **il-Qorti sejra tiddisponi mill-ewwel talba attriċi billi tilqagħha limitatament u tiddikjara li r-responsabilta' għall-inċident awtomoblistiku tal-21 ta' Ġunju 2011 għandha tiġi diviża hekk – tlett kwarti (¾) Sinclair Sammut u kwart (¼) l-Awtorita' konvenuta.**

"**Għall-istess raġunijiet, l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta sejra tiġi akkolta limitatament kif appena deċiż.**

"**It-tieni u t-tielet talba attriċi** jirrigwardaw il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi bħala eredi tal-istess Sinclair Sammut.

"**Fit-tieni eċċezzjoni tagħha l-Awtorita' konvenuta** teċċepixxi li kwalunkwe danni allegati mill-atturi huma kontestati u jeħtieġ li jiġu pruvati.

"**L-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk -

> *"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*
>
> *"Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:*
>
> *"Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*

kontributorja. F'dik il-kawza l-kuntatta bejn iż-żewg vetturi kien minimu, iżda l-vettura ta' l-attur inqalbet kagun ta' veloċita' eċċessiva.

*"(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

"Fil-każ odjern, in vista tal-mewt ta' Sinclair Sammut b'riżultat tal-istess inċident l-azzjoni nfetħet mill-eredi tiegħu, l-atturi martu Susanne Sammut f'isimha u f'isem binhom minuri. F'dan ir-rigward **l-artikolu 1046 tal-Kap 16** jipprovdi hekk -

*"Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan."*

"Dwar l-artikolu 1045 u 1046 tal-Kap 16 il-Qorti qalet hekk fil-każ **Frank Brincat et vs Claudia Camilleri et deċiż fis-26 ta' Novembru 2010** -

*"F'dan il-każ jistgħu jingħataw danni bħal li kieku kienet tirriżulta inkapaċita' totali u d-danni għandhom jiġu kalkolati skond il-provedimenti tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu ta' wara (Artikolu 1046) jitkellem dwar id-danni li huma intitolati għalihom il-werrieta tal-parti li tkun mietet.......Għalhekk l-artikolu 1045 u l-artikoli 1046 huma espressament applikabbli għal dan il-każ ċioe' fejn hemm involut każ ta' mewt minħabba inċident. Għalhekk din l-azzjoni qed issir mill-eredi ta' Antoine Brincat skond l-imsemmija artikoli. M'hemmx dubju li l-eredi tal-mejjet għandhom dritt li jitolbu kumpens mingħand min ikkaġuna l-istess mewt.*

*"L-atturi qed jippretendu li jingħataw kumpens għat-telf tal-"lucrum cessans" u, kif ġia ngħad, tali kumpens għandu jiġi mqabbel mal-kumpens li jiġi likwidat f'każ ta'inkapaċita' totali. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppa Cortis et vs Cecil Baker nomine" tal-31 ta' Jannar 1997 irriteniet li "l-fatt li l-leġislatur uża l-kelma 'eredi' mhix per se konklussiva li l-azzjoni hi mogħtija iure ereditatis għax biex azzjoni tkun tali qabel xejn trid tkun tirrigwarda xi beni li kien ġa fil-patrimonju tad-decujus qabel ma miet…għalhekk l-interpretazzjoni li trid tingħata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi huma vestiti b'dik l-azzjoni bħala dritt lilhom trasfuż mill-vittma, iżda inveċi li, għalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-drittt minħabba l-mewt tiegħu, dan isir ope legis u bħala dritt minħabba l-mewt tiegħu, dan isir ope legis u bħala dritt proprio tagħhom, li hu kunċett sostanzjalment differenti, u għalhekk mhuwiex dritt reċepit mill-massa ereditarja, għax hawn mhux qed nitkellmu iżjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tiegħu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt ħajtu taħt l-artikolu 1088 (illum l-artikolu 1045) u li ma kellux żmien jesperixxi għalih innifsu sakemm miet, iżda fuq ordni ieħor ta' ideat."*

*"Id-dritt għar-risarċiment għad-danni hu ukoll dritt patrimonjali li jintiret bħall-drittijiet oħra u ma jiġix modifikat għax jgħaddi b'wirt f'idejn is-suċċessur. Għalhekk id-dritt tas-suċċessur għandu jigi konsidrat li huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tagħhom u dan kif ġie ritenut minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-2 ta' Frar 1998 fil-kawża fl-ismijiet "Anthony Turner vs Frank Agius et" (ċitazzjoni 180/94). Għandu ukoll jiġi rilevat li l-indennizz jiġi akkordat lill-werrieta u mhux lid-dipendenti u kwindi ma*

*hemmx bżonn li jkun hemm d-dipendenza tal-eredi għar-rigward tal-awtur tagħhom. Kwindi fil-każ ta' mewt ta' l-awtur, meta l-qraba jfittxu għall-kumpens jagħmlu dan għax jilbsu l-libsa legali tal-vittma u mhux fuq bażi ta' dipendenza u konsegwentement il-grad ta' dipendenza ċert li mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens. Għalhekk l-atturi jistħoqqilhom li jirċievu dak li kien ikollu dritt jirċievi l-awtur tagħhom kieku fl-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li ħallewh għal kollox inkapaċi."*

"Fis-sistema tagħna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

"Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deċiż fil-25 ta' Frar 2016**[48] din il-Qorti diversament preseduta ġabret rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. deċ. fit-22 ta' Diċembru 1967, li tat l-oriġini għal hekk imsejħa multiplier system, li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar reċenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. deċ. fis-16 ta' Novembru 1983, "iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu." Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – **"Savona vs Asphar"** App. Deċiż fit-23 ta' Ġunju 1952; u li "għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem għandu jkun hemm ċertu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – **"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"** – Appell deċiż fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-każ **"Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deċiża fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja."*

***Multiplier***

[48] Rik Gur 836/01

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." **(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu ifixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[49]. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u*

---

[49] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

*mhux ma' kriterji arbitrarji*[50].

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

"***Tnaqqis minħabba lump sum payment***

"*Illi dwar il-lump sum jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deċiża fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward għal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal 'lump sum payment' jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*"Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi ntavolata l-kawża relattiva*
*u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li ġie eluċidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deċiża fit-2 ta' Ġunju '05) "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni pero`, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

*Iżda, ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan għaliex "jekk id-danneġjat ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela**" P.A. deċiża fil-25 ta' Novembru*

[50] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deċiża fit-12 ta' Novembru 2012)."*

"Dwar l-istess tematika u l-problemi li jiġu riskontrati mill-istess ingħad ukoll f'żewg deċizzjonijiet msemmija mill-attriċi l-ewwel waħda fl-ismijiet **Carmena Fenech et. vs Ic-Chairman tal-Malta Drydocks et.** [51] :-

*"Jibda biex jigi rilevat qabel kull konsiderazzjoni tal-komputazzjoni li trid issir illi mill-ezami tad-decizjonijiet kopjuzi fuq is-suggett huwa sew distingwibbli illi l-metodu tal-valutazzjoni tad-danni matul is-snin ikkostitwiet, bla dubju, il-problema l-aktar spinuza, tant li, storikament, ma jonqsux certi kawteli mill-Qrati in meritu ghal likwidazzjoni. Huwa wkoll rikonoxxut minn din l-istess gurisprudenza illi ebda metodu ta' kalkolu ma hu perfett tant li mal-firxa taz-zmenijiet gew adottati diversi kriterji li mhux dejjem taw rizultat univoku jew gustifikabbli. Jibqa' l-fatt illi skond l-izviluppi li sehhew fis-snin disghin il-metodu li jihder ormaj l-aktar diffus hu dak tal-komputazzjoni tat-telf ghab-bazi tal-working years expectancy. Anke hawn, pero`, ma tonqos il-vuci li sostniet li l-kriterju bazat fuq il-mera differenza bejn l-eta` tal-vittma u l-eta` pensjonabbli "hu ghal kollox riskjuz u alejatorju, sempliciment ghaliex wiehed ma jistax jivvizwalizza l-futur, u c-chances and changes tal-hajja huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed jistabilixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz jista' jigi modellat" ("**Lawrence Caruana –vs- Anthony Falzon**", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001). Hekk, ad ezempju, kif ukoll hu rikonoxxut f'bosta sentenzi, wiehed jista' jipprospetta qaghda fejn, minhabba in-natura tax-xoghol ta' certu strapazz, id-danneggjat jew id-decujus kien jirtira qabel l-eta` tal-pensjoni. Minn naha l-ohra wiehed jista' jargomenta wkoll illi gjaladarba fiz-zmenijiet recenti l-eta` ta' l-irtirar mix-xoghol qeghda tizdied (minn 61 sena kif kienet sa ftit snin ilu ghal wahda ta' 65 sena), l-adozzjoni tal-multiplier ghandha tiehu gharfien ta' dan l-izvilupp gdid. Ara f'sens konformi l-veduta tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fis-sentenza taghha tas-27 ta' Lulju, 2007 in re: "**Francesco Sultana et –vs- Frances Xavier Grech et**";*

*"Fil-konsiderazzjoni tal-premess u dik tal-konoxxenza li l-perijodu tal-multiplier suppost li jibda jghaddi mid-data ta' l-incident (ara "**Carmelo Camilleri –vs- Alfred Falzon**", Appell Civili, 14 ta' Mejju, 1984), ...."*

"Tnaqqis ieħor li għandu ukoll jiġi kkunsidrat huwa dak ipprospettat fl-iżvillup tal-kunċetti ta' "*own consumption* u *degree of dependency."* Fl-istess sentenza appena ċitata[52] jingħad li:-

*Fl-istat tal-ligi kif prezentement hi, din il-Qorti, kif presjeduta, b'osservazzjoni li ghamlet in referenza ghas-sottrazzjonijiet li solitament isiru f'kazijiet konsimili kienet irrimarkat li l-prattici tad-detrazzjoni ghall-"own consumption" u "grad ta' dipendenza", aktarx introdotti mid-duttrina Ingliza, ma kienu jsibu l-ebda gustifikazzjoni skond il-vot tal-ligi fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Kif issoktat tikkummenta fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Ottubru, 2003 fil-kaz "**Angelo Galea et -vs- Silvio Piscopo**", "altrimenti jibqa' jkollna s-sitwazzjoni assurda, u mhux aktar tenibbli, illi l-mewt, rizultat ta' fatt illecitu, tkompli tiswa anqas minn*

[51] Per Imħallef Ph.Sciberras 10 ta' Ottubru, 2008; ċit.nru. 1427/1997/1
[52] **Carmen Fenech et. vs Ic-Chairman Tal-Malta Drydocks et.**

*semplici menomazzjoni fizio-psikika konsegwenti mill-istess fatt". Jirrizulta minn ricerka li l-Qorti ta' l-Appell kolleggjali rrikonoxxiet hi wkoll, ftit granet wara d-decizjoni ta' din il-Qorti, illi "l-ligi taghna fl-Artikoli 1045 u 1046 ma titkellem xejn fuq 'dependency' ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni u li kienu biss il-qrati li, b'sens ta' gustizzja u ekwita`, introducew dan l-aspett innovattiv fis-sistema guridika taghna." Ara "**Guzeppi Agius et –vs- Tarcisio Fenech**", Appell, 29 ta' Ottubru, 2003. Dejjem dik l-istess Qorti, b'divergenza ta' fehma ghal dik ta' l-ewwel Qorti, issoktat f'sentenza posterjuri tirritjeni illi kellha ssegwi l-indirizz gurisprudenzjali fuq iz-zewg temi tad-dependency u tal-konsum personali ghaliex inkellha, mod iehor, kienet iggib "strapp mhux gustifikat f'dik li hi prassi stabbilita fl-istess gurisprudenza". Ara "**Anthony Turner et –vs- Francis Agius et**", Appell, 28 ta' Novembru, 2003;"*

"Ukoll għalhekk isibu lil Qorti ta' l-Appell Ċivili fil-kawza fl-ismijiet **Laura mart Emanuel Formosa et. vs Emanten Spiteri et.**[53] li:-

*"25. L-appellant jilmenta ukoll illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta irriteniet illi l-atturi, bhala ulied d-decujus, ma kellhomx degree of dependency baxx. L-appellant isostni illi d-degree of dependency kien inezistenti. L-appellant jissottometti illi ulied d-decujus ma kienux jiddependu mid-decujus ghaliex kienu maggorenni u ghalhekk il-mewt ta' missierhom ma affettwathomx negattivament mil-lat finanzjarju. L-appellant jirreferi ghall-kawza fl-ismijiet "**Anthony u martu Margaret Turner et. v. Francis Agius et.**" (120/94) deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2003 fejn din il-Qorti kienet naqqset d-danni da liquidarsi b'zewg terzi (2/3) stante illi ma kienx jezisti degree of dependency.*

*"26. Fl-atti ta' din il-kawza ma jirrizultax illi l-atturi gabu xi prova dwar id-degree of dependency u cioe` jekk huma kienux li kienu b'xi mod qeghdin jiddependu minn missierhom finanzjarjament. Lanqas fir-risposta taghhom l-atturi ma jirrispondu ghal din il-kwistjoni tad-dependency issue sollevata fir-rikors tal-appell tal-konvenut Sultana. Skond dikjarazzjoni mhejjija min-Nutar Anthony A. Abela (a fol. 108) jirrizulta illi l-atturi nisa huma l-eredi tal-mejjet David Frendo. Mill-atti jirrizulta wkoll li bintu Paula Frendo hija xebba filwaqt li z-zewg ulied l-ohra Karen u Laura huma mizzewwgin. Ma jirrizulta minn imkien jekk ix-xebba Paula Frendo hijiex tahdem jew jekk kienitx dependenti fuq missierha. Kien jispetta lill-atturi illi jgibu prova dwar jekk kienux qeghdin jiddependu mid-dhul ta' missierhom o meno fid-data tal-mewt tieghu.*

*"27. Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-ewwel Qorti, fin-nuqqas ta' provi dwar dana l-aspett ma setghetx tassumi li l-atturi kienu jiddependu minn missierhom. Din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ghandu ragun jilmenta f'dan in rigward u ghalhekk ghandu jkun hemm tnaqqis tal-quantum tad-danni minhabba l-fattur tad-degree of dependency. Madanakollu, it-tnaqqis m'ghandux ikun ta' zewg terzi (2/3) kif qed jippretendi l-appellant fuq l-iskorta tal-imsemmija sentenza Turner v. Aguis. Dana ghaliex f'dak il-kaz id-decujus kienet tfajla ta' sbatax (17)-il sena li fil-kors normali tal-hajja, kieku baqghet tghix kienet tiehu l-istat taghha, tifforma familja u l-genituri taghha u hutha x'aktarx li ma kienux sejrin ikunu l-eredi taghha. Fil-kaz odjern l-atturi nisa fil-kors normali tal-hajja,*

[53] 28ta' Novembru, 2008; Appell Ċivili 2059/2000/1

> *certament kien mistenni li jirtu lil missierhom meta dan imut. Minhabba l-incident meritu tal-kawza, dawk l-atturi wirtu lil missierhom qabel kien mistenni, b'mod li sehemhom mill-hajja lavorattiva ta' missierhom safa sostanzjalment imnaqqas. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li tnaqqis ta' zewg terzi (2/3) huwa wiehed eccessiv u ghalhekk arbitrio boni viri jidhrilha li tnaqqis ta' terz (1/3) huwa aktar ekwu u gust. Ghalhekk l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti ghandu jigi ridott b'terz (1/3) u cioe` minn Lm108,000 jitnaqqas ..."*

"B'applikazzjoni tal-prinċipji suesposti għall-kaz odjern il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans* dovuti lill-atturi eredi ta' Sinclair Sammut, naturalment skont il-proporzjon ta' responsabilta' kif stabbilita.

**DAMNUM EMERGENS**

"Bħala danni emerġenti l-atturi qegħdin jitolbu l-valur tal-vettura Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN 507 li kienet qed tinstaq minn Sinclair Sammut dakinhar tal-inċident u li kawża tal-istess inċident spiċċat dikjarata *beyond economical repair* mill-espert tekniku imqabbad fl-inkjesta Maġisterjali Mario Buttigieg. Fir-rapport tiegħu l-istess espert kien ta valur ta' €6,000 għall-istess vettura[54], liema valur sejjer jiġi aċċettat u adottat mill-Qorti għal fini ta' kalkolu ta' dawn id-danni emerġenti.

"Għalhekk it-total ta' **Damnum Emergens huwa fis-somma ta' €6,000**.

"**LUCRUM CESSANS**

"a. Dwar il-**persentaġġ ta' diżabilita',** in vista tal-fatt li Sinclair Sammut tilef ħajtu, dan il-**persentaġġ ser jittieħed bħala 100%.**
"b. Dwar **il-multiplier**, jirriżulta li fid-data tal-inċident fatali Sinclair Sammut kellu biss **25 sena**[55]. Kif ingħad, il-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-incident li fih kienet involuta l-vittma u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għall-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. A bażi tac-*chart* ċitata minn din il-Qorti stess fis-sentenza tagħha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30 ta' Mejju 2016[56]** il-*multiplier* ghandu jkun ta' **ħamsa u tletin (35) sena**, tenut kont tal-età tad-*decujus* fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* u liema *multiplier* qiegħed ukoll jagħmel tajjeb għall-fattur taċ-*chances* u ċ-*changes of life*.

"c. Is-**salarju ta' Sinclair Sammut** kien -
"2008 - €17,621[57]
"2009 – €17,230[58]

---

[54] Fol 149
[55] Ċertifikat tal-mewt a fol 5
[56] Rik Gur 118/14
[57] Fol 172 et seq
[58] Fol 178

"2010 - €17, 756[59]
"Id-dħul medju għal dawn is-snin kien ta' circa **€17,535.**[60] Ukoll, wara li rat iż-żidiet li ngħataw għall-għoli tal-ħajja matul dawn l-aħħar snin partikolarment mill-inċident de quo 'il quddiem ser iżżid is-somma biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier.*

"**B'hekk il-qliegh annwali ser jigi kalkulat fuq €20,000.**

"d. Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minħabba li l-ħlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawża nfetħet ftit aktar minn sena wara l-inċident u s-sentenza qegħda tinghata ċirka seba' snin wara li ġew intavolati dawn il-proceduri.

"Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 10%.**

"e. Fattur ieħor li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huwa dak ġia suriferit u ukoll ikkonsidrat kemm mill-arttriċi fin-nota tagħha ukoll f'dik tal-konvenut, ċioe' dak ta' *degree of dependency* u konsum personali. Il-partijiet jaqbblu lli minħabba l-fatt li l-atturi huma mart il-mejjet u ibnu minuri, dan it-tnaqqis ta' dependenza m'għandux japplika fil-kaz odjern. Wieħed irid jiftakkar lil-mejjet kellu biss 25 sena fiż-żmien tad-deċess tragiku tiegħu u ħalla warjah mara tad-dar u iben ta' eta' tenera.

"Dwar it-tnaqqia għal konsum personali, tenut kont tal-fatturi kollha nvoluti tqies li jkun ekwu li dan jkun ta' 25%.
"Konsegwentement l-ammont ta' ***lucrum cessans*** sejjer għalhekk jiġi kalkulat kif ġej:

"€20,000 x 100% x 35 = €700,000 – 10%-25% = €472,500

"TOTAL: Damnum Emergens €6,000 + Lucrum Cessans €472,500 = €478,500 (erba' mija u tmienja u sebgħin elf u ħames mitt elf Ewro).

"Konsegwentement in vista tal-mod kif ġiet imqassma r-responsabbilta' għall-inċident l-Awtorita' konvenuta għandha tħallas kwart minn din is-

---

[59] Fol 179
[60] F'dan ir-rigward il-Qorti tqies illi l-ammont li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huwa s-salarju a bażi GROSS. F'dan ir-rigward il-Qorti taddotta l-argument kif rifless fis-sentenza **Emmanuel Bartolo et. vs Karl Vella Petroni**; App Ċiv. 356/2004/1 deċiża 03/02/2012:-
*"23. Illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju fis-sens, li fl-ewwel lok li hi l-gross salary li hija rilevanti sabiex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni kemm hu dovut lill appellant. Illi kif intqal mill-Qrati taghna, "L-Income Tax li seta` hallas id-decujus, ossia d-danneggjat, hija affari ta' bejnu u bejn il-Gvern li fiha l-obbligat ma jidholx" –* ***"Muscat v. Schembri****, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972. Fil-kawza* ***Micallef v. Cassar****, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju, 1982, intqal li l-kontribuzzjonijiet li seta` ghamel id-danneggjat ghan-National Insurance, m'ghandhomx jitnaqqsu mill-paga tieghu. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza* ***Caruana v. Farrugia****, deciza fit-23 ta' Novembru, 1983, kienet qalet li "m'ghandu jsir ebda deduzzjoni ta' PAYE jew ta'kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Nazzjonali mill-ammont taddanni likwidat favur il-parti leza". (minn* ***Formosa v.Spiteri*** *deciza fit-28 ta' April 2005)."*

somma lill-atturi u ċioe s-somma ta' mija dsatax u il-elf sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro, (€119,625).

"Għar-raġunijiet suesposti it-tieni u t-tielet talba tal-atturi sejrin jintlaqgħu skont kif appena deċiż u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta riferibbli għal dawn it-talbiet ser jigu respinti.

"**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

"**1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara li fir-rigward tal-inċident awtomobilistiku illi seħħ fil-21 ta' Ġunju 2011 ġewwa Triq il-Wied ta' l-Imsida, u li konsegwenza tal-istess inċident tilef ħajtu Sinclair Sammut ir-responsabbilta' għall-akkadut għandha tinqasam hekk: tlett kwarti (3/4) Sinclair Sammut u kwart (1/4) l-Awtorita' konvenuta;**

"**2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-atturi u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bħala eredi tal-imsemmi Sinclair Sammut fis-somma ta' mija u dsatax il-elf sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro, (€119,625) u kundanna lill-Awtorita' konvenuta sabiex tħallas is-somma hekk likwidata in linea ta' danni, inkluż l-imgħax dovut skond il-liġi lill-atturi eredi ta' Sinclair Sammut;**

"**3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta ħlief safejn kompatibbli ma' dak appena deċiż.**

"**4. L-ispejjeż jinqasmu hekk: tlett kwarti (3/4) l-atturi u kwart (1/4) l-Awtorita' konvenuta.**"

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta (28.10.2019):</u>**

3. L-Awtorita` konvenuta ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji tagħha huma s-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju</u> *(responsabbilta` għall-inċident)*

Fl-ewwel lok tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti ikkonkludiet li għandha ġġorr kwart (¼) mir-responsabbilta` għall-mewt ta' Sinclair Sammut minħabba l-*crash barriers*.

Issostni li l-kawża prossima tal-inċident kien il-fatt li l-istess Sinclair Sammut kien qed isuq b'veloċita` eċċessiva (peress li tilef il-kontroll tal-vettura, possibilment għaliex raqad).

Kwantu għall-*crash barriers*, taċċenna għall-fatt li l-ewwel Qorti stess kienet ddikjarat li ma rriżultax li fiż-żmien tal-inċident dawn ma kinux fi stat ta' manutenzjoni tajba jew mhux addattati għall-iskop tagħhom. Tilmenta bil-fatt li madanakollu, b'mod "kontradittorju", l-ewwel Qorti dehrilha li hija kellha ġġorr parti mir-responsabbilta` għall-inċident.

Dwar l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li fl-istess post tal-inċident odjern kien sar inċident simili xi snin qabel, fejn sewwieqa kienet ukoll tilfet ħajjitha, u li kien biss wara li miet Sinclair Sammut li l-Awtorita` konvenuta żiedet is-sigurta` tal-*crash barriers*, l-Awtorita` konvenuta targumenta li l-fatt li hija tipprova dejjem ittejjeb l-i*standards* tas-sigurta` m'għandux jintuża kontriha stess.

(ii) <u>It-tieni aggravju</u> *(lucrum cessans)*

Fit-tieni lok, u fir-rigward tal-“*lucrum cessans*” tilmenta li ċ-ċifra finali hija żbaljata għaliex:

- ġiet ikkalkulata fuq dħul gross u mhux net għas-snin 2008, 2009 u 2010;

- użat multiplier ta’ 35 sena, meta skont il-ġurisprudenza nostrana l-massimu li kellu jittieħed f’każ bħal dan (fejn il-vittma kellu 25 sena) hu ta’ 30 sena.

(iii) It-tielet aggravju (*żball ta’ kalkolu fir-rigward tal-lucrum cessans*)

Fit-tielet lok issostni li fi kwalunkwe każ l-ewwel Qorti għamlet żball matematiku fil-kalkolu tas-somma dovuta in linea ta’ *lucrum cessans*. Taċċenna għall-fatt li wara li l-ewwel Qorti waslet għaċ-ċifra ta’ €700,000 (salarju bażiku (x) 100% diżabbilta`(x) multiplier) iddikjarat li kellu jsir:

- tnaqqis ta’ 10% minħabba l-lump sum payment u
- tnaqqis ta’ 25% rappreżentanti tnaqqis għall-konsum personali.

Hija pero` tilmenta bil-fatt li t-tnaqqis ta’ 10% u ta’ 25% kellhom kull

wieħed jinħadmu fuq €700,000, u mhux kif għamlet l-ewwel Qorti (cioe` minn €700,000 naqqset 10% li jiġu €630,000, imbagħad minn €630,000 naqqset 25% li jiġu €472,500).

Għalhekk skont hi, iċ-ċifra relattiva għal-*lucrum cessans* kellha tkun €455,000 u mhux €472,000.

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-atturi (20.11.2019)**

4. L-atturi wieġbu biex jgħidu li l-appell tal-awtorita` konvenuta jimmerita li jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**L-ewwel aggravju**

5. L-ewwel aggravju tal-Awtorita` konvenuta appellanti jirrigwarda r-responsabbilta` għall-inċident. Hija ssostni li għall-inċident kien jaħti unikament id-*decuius* Sinclair Sammut. Taċċenna għall-fatt li mill-provi:

(i) irriżulta li d-*decuius* kien qed isuq b'veloċita` eċċessiva (cioe` veloċita` ta' 80km/s li hija d-doppju ta' 40km/s - il-limitu f'dik iż-żona) u li adirittura kien tilef il-kontroll tal-vettura (possibilment għaliex għajnu marret bih); u

(ii) ma rriżultax li l-*crash barriers* ma kinux fi <u>stat ta' manutenzjoni tajba</u> jew li ma kinux <u>addattati għall-iskop magħmula</u> (cioe` li ma kinux fit for purpose).

6. Fil-fatt l-ewwel Qorti qieset dan kollu u saħansitra spjegat li kieku kellha toqgħod fuq il-fuq imsemmija żewġ fatturi biss, kienet tasal biex tikkonkludi li l-Awtorita` m'għandha ġġorr l-ebda responsabbilta` għall-inċident. Madanakollu dehrilha li ma setgħetx tinjora l-fatt li proprju tliet snin u nofs qabel ma ġara l-inċident in kwistjoni kien seħħ inċident fatali ieħor b'dinamika simili proprju fl-istess lok, fejn il-*crash barriers* ma rnexxilhomx iżommu lit-tfajla Alexia Maria Baldacchino milli taqa' għal isfel bil-vettura tagħha, proprju kif ġara lil Sinclair Sammut. Hija irriteniet hekk:

> *"Huwa minnu li r-responsabbilta` ewlenija għal sewqan prudenti tibqa' dejjem fuq is-sewwieq, iżda fi triq bħal dik fejn sfortunatament tant sewwieqa regolarment jonqsu milli josservaw il-limitu tal-veloċita` tas-sewqan,* ***l-Awtorita` kien imissha ħadet prekawzjonijiet ferm aktar drastika aktar qabel biex tinstalla crash barriers aktar b'saħħithom u għoljin, partikolarment wara l-inċident ikrah ta' Alexia Maria Baldacchino u dan sabiex jitnaqqas il-periklu għall-utenti tat-triq****. Li kieku dan seħħ tempestivament, probabbilment il-fatalita` ta' Sinclair Sammut ma kinitx isseħħ, jew kien ikollha konsegwenzi inqas serji*."

7. Din il-Qorti taqbel kompletament ma' dan ir-raġjonament. Fil-mument li seħħ l-inċident ta' Alexia Maria Baldacchino, fejn il-vettura tagħha qabżet il-*crash barriers* eżistenti u waqgħet għal isfel, immaterjalizzat prova inkonfutabbli u indisputabbli illi l-istess *crash*

*barriers* ma kinux suffiċjentement adegwati għal dik iż-żona. U allura minn dak il-mument kien jinkombi fuq l-Awtorita` konvenuta appellanti li żżid is-sigurta` ta' tali *crash barriers* biex tiġi eliminata l-possibilta` li inċidenti oħra simili ma jseħħux. Wara l-inċident ta' Alexia Maria Baldacchino, l-inċident mertu ta' din il-kawża kien wieħed kompletament prevedibbli. Għalhekk il-fatt li l-Awtorita` konvenuta appellanti ma qabditx u immedjatament żiedet l-għoli u l-forza ta' tali *crash barriers*, jirrendiha negliġenti.

8. Kull inċident stradali għandu il-bidu u t-tmiem tiegħu fuq perjodu qasir ta' ftit sekondi. Issa fil-każ in kwistjoni, filwaqt li m'hemmx dubju li kien id-*decuius* li kien responsabbli għall-bidu tal-inċident in kwistjoni (minħabba t-telf ta' kontroll/ veloċita` eċċessiva) it-tmiem tal-inċident kien determinat minn fatturi ċirkostanzjali. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hija tal-ferma konvinzjoni illi li kieku, wara l-inċident ta' Alexia Maria Baldacchino, l-Awtorita` konvenuta indenjat ruħha tinstalla *crash barriers* aktar b'saħħithom, u aktar għoljin, biex tiġi eliminata l-possibilta` li vetturi oħra jerġgħu jirkbuhom u jaqgħu għal isfel, l-inċident in kwistjoni ma kienx jintemm kif intemm: il-vettura tad-*decuius* kienet almenu tibqa' fuq it-triq u ma taqax għal isfel, u allura l-inċident aktarx kien ikollu konsegwenzi inqas traġiċi.

9. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti issib li kienet korretta u ġusta l-

ewwel Qorti meta kkonkludiet li r-responsabbilta` għall-inċident kellha tinġarr ¾ mid-decuius u ¼ mill-Awtorita` konvenuta. Konsegwentement issib li dan l-ewwel aggravju huwa infondat.

**<u>It-tieni aggravju:</u>**

10. Kwantu għal-"*lucrum cessans*", l-Awtorita` konvenuta appellanti tilmenta illi l-introjtu tad-*decuius* li fuqu l-ewwel Qorti ikkalkulat il-qliegħ annwali tiegħu, kien "gross" u mhux "net", u tilmenta wkoll illi l-*multiplier* massimu applikabbli huwa ta' 30 sena u mhux ta' 35 sena.

(a) <u>Il-kwistjoni dwar l-introjtu net vs gross</u>

11. L-ewwel Qorti qieset li d-dħul medju tad-decuius fuq tliet snin (2008-2010) kien ta' €17,535 (gross). Hija imbagħad żiedet tali somma għal €20,000 biex dan jagħmel tajjeb għaż-żidiet tal-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

12. Din il-Qorti fil-fatt jidhrilha li ż-żieda ta' €2,465 ikkalkolat mill-ewwel Qorti biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet li jingħataw għall-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jittieħed bħala *multiplier* (kemm jekk ta' 30 sena u kemm jekk ta' 35 sena) huwa konservattiv wisq. Tqis ukoll illi d-*decuius* kien għad kellu 25 sena u għalhekk kellu prospetti tajbin li javvanza fix-xogħol tiegħu. Għalhekk, għalkemm għandha raġun l-Awtorita` konvenuta

appellanti tilmenta bil-fatt li d-dħul medju ta' €17,535 tad-*decuius* li fuqu bbażat il-kalkoli l-ewwel Qorti huwa wieħed gross u mhux net, minħabba ż-żewġ raġunijiet appena esposti, din il-Qorti issib li l-ammont ta' €20,000 huwa ferm addattat biex jitqies bħala qliegħ annwali (**net**) tad-decuius, fuq medda sostanzjali ta' snin.

(b) <u>il-kwistjoni dwar il-*multiplier*</u>

13. L-ewwel Qorti akkordat *multiplier* ta' 35 sena. L-Awtorita` konvenuta appellanti invece jidhrilha li 35 sena huma wisq u targumenta li abbażi ta' ġurisprudenza ċitata minnha, meta vittma jkollha eta' ta' 25 sena il-*multiplier* m'għandux ikun iktar minn 30 sena. Din il-Qorti pero` ma jidhrilhiex li fil-kalkolazzjoni tal-*multiplier* il-ġudikant għandu jkun marbut b'xi metodu riġidu kif donnha tippretendi l-Awtorita` konvenuta appellanti. Il-ġudikant għandu marġini ta' latitudni diskrezzjonali. Fil-każ in kwistjoni Sinclair Sammut kellu 25 sena meta tilef ħajtu fl-inċident in kwistjoni u għalhekk kellu *working life expectancy* ta' 40 sena. Ma rriżultax li kien marid, u għalhekk il-prospetti li jkompli jgħix u jaħdem kienu tajbin, speċjalment f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment. Għaldaqstant din il-Qorti ma jidhrilhiex li *multiplier* ta' 35 huwa eċċessiv, u għalhekk ma tarax għaliex għandha tiddisturba tali konklużjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. (ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet **David Farrugia v. George Sammut** moghtija fid-9 ta' Ottubru 2004, fejn f'kaz ta' vittma li kellu ghoxrin sena,

il-*multiplier* adottat kien ta’ 40 sena).

14. Dan it-tieni aggravju għalhekk jirriżulta ukoll infondat.

**It-tielet aggravju:**

15. Finalment l-Awtorita` konvenuta appellanti tilmenta illi wara li l-ewwel Qorti waslet għaċ-ċifra ta’ **€700,000** [€20,000 (x) 100% (x) 35] ħadmet ħażin it-tnaqqis ta’ 10% (minħabba l-*lump sum payment*) u tat-tnaqqis ta’ 25% (rappreżentanti konsum personali tad-*decuius*). Fil-fatt flok ma naqqset 35% (10% + 25%) minn €700,000 (li jwassal għal €455,000) l-ewwel naqqset 10% minn €700,000 li jwassal għas-somma ta’ €630,000, imbagħad minn €630,000 naqqset 25% li jwassal għas-somma ta’ €472,500.

16. Fil-fehma ta’ din il-Qorti għandha raġun tilmenta l-Awtorita` konvenuta appellanti, għaliex it-tnaqqis ta’ 35% (10% + 25%) kellhom jitnaqqsu t-tnejn mis-somma ta’ €700,000.

17. Għaldaqstant l-ammont rappreżentanti l-*lucrum cessans* għandu jkun dak ta’ €455,000, li meta jingħadd mal-ammont ta’ €6,000 rappreżentanti d-*damnum emergens,* iwassal għal danni fl-ammont totali ta’ **€461,000.** Ladarba ġie stabbilit li kwart (¼) tar-responsabbilta` għall-

inċident huwa imputabbli lill-Awtorita` konvenuta appellanti, isegwi li hija għandha tħallas lill-atturi l-ammont ta' **€115,250** in linea ta' danni.

**DECIDE:**

18. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Awtorita` konvenuta limitatament għat-tielet aggravju, u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata *in toto* ħlief għal dak li jirrigwarda d-danni likwidati fl-ammont ta' €119,625; u ghalhekk qegħda tirriduċi tali ċifra għal **€115,250.**

19. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu kif deċiż mill-ewwel Qorti, u peress li s-sentenza appellata giet kwazi interament ikkonfermata, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Awtorita` konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr